MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 1641/2001/1

**Alfred u Anna konjuġi Anastasi**

**v.**

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

It-talba attrici f'din il-kawza, il-premessi li fuqha hija bbazata u l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta huma ben delineati fl-ewwel parti tas-sentenza appellata li tghid hekk:

"Din il-kawża hija dwar relazzjonijiet ta' *buon vicinato*.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi joqogħdu fl-appartament numru 2, *Tower Park,* Triq Graham, tas-Sliema, proprjetà tagħhom. Dan l-appartament qiegħed fi blokk li jmiss ma' *Lombard House*, fi Triq Graham kantuniera ma' Triq Milner, li huwa l-fergħa tal-bank konvenut f'tas-Sliema. L-appartament ta' l-atturi għandu kamra tas-sodda u terrazzin fuq wara, u dawn jagħtu għal bitħa tal-kejl ta' bejn wieħed u ieħor ħames metri b'erba' metri (5m × 4m). F'din il-bitħa l-konvenut qiegħed numru ta' *air conditioning units* illi jagħmlu mhux biss storbju iżda wkoll ħafna sħana, l-aktar fix-xhur tas-sajf. Minħabba f'din is-sħana, l-atturi ma jistgħux jiftħu l-aperturi ta' fuq in-naħa ta' wara ta' l-appartament u lanqas ma jistgħu jinqdew bit-terrazzin. L-atturi għalhekk igħidu illi t-tqegħid ta' dawn il-*units* huwa "aġir abbużiv u illegali" mill-konvenut, li qiegħed joħolqilhom mhux biss inkonvenjent iżda wkoll danni, billi l-valur tal-proprjetà tagħhom fuq is-suq waqa'. Għal din ir-raġuni qeghdin jitolbu illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex, fi żmien qasir u perentorju, jeħles lill-appartament tagħhom minn kull molestja ġejja minn ħsejjes u sħana ġenerati mill-*air conditioning units* fil-bitħa tal-fergħa fi Triq Graham, kantuniera ma' Triq Milner, billi jneħħi l-kawża ta' dawn il-molestji.

"Qeghdin jitolbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Frar 1999 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 3263/1999.

"Il-bank konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talba ta' l-atturi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż għax, kif magħmula, hija "ġuridikament insostenibbli"; u

2. it-talba ta' l-atturi għandha tiġi miċħuda wkoll għax "infondata fil-fatt u fid-dritt".

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fl-20 ta' Ottubru, 2006 billi wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-bank konvenut, ipprovdiet dwar it-talbiet ta' l-atturi billi ordnat lill-konvenut illi ma jhaddimx l-*air conditioning units* wara s-saghtejn ta' wara nofsinhar (2.00 p.m.) u kkundannat lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza, u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-kwistjoni f'din il-kawża essenzjalment hija dwar jekk id-dritt ta' proprjetà, li huwa dritt assolut, għandux jitqiegħed taħt limitazzjonijiet u restrizzjonijiet fl-interess tad-dritt ta' proprjetà, xejn anqas assolut, tal-ġâr. Il-bank konvenut għandu l-jedd illi jinqeda bil-bitħa tiegħu biex fiha jqiegħed *air conditioning units* u l-atturi għandhom il-jedd illi jgawdu l-proprjetà tagħhom bla tfixkil. Il-kwistjoni għalhekk hija fejn għandha tkun il-linja li, jekk tinqabeż, il-jedd tal-konvenut isir abbuż għax ifixkel il-jedd ta' l-atturi.

"Il-liġi tgħid illi *qui iure suo utitur neminem lædit*:

"1030. Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.

"Huwa minnu wkoll iżda li, kif tgħid il-liġi, biex min jinqeda bil-jedd tiegħu jinħeles mill-ħtija għall-ħsara, l-użu tal-jedd għandu jagħmlu "fil-qies li jmiss" ukoll jekk dan il-jedd ikun il-proprjetà. In-natura assoluta tal-proprjetà ma tfissirx li s-sid jista' jagħmel dak kollu li jrid; ifisser biss li ebda jedd ieħor ma jagħti fakultajiet usa' milli tagħti l-proprjetà, li, iżda, ukoll għandha l-limiti tagħha.

"Dawn il-limiti tal-proprjetà jinqabżu, u hekk l-użu tad-dritt isir abbuż tad-dritt, mhux biss meta s-sid fiżikament jidħol fl-art ta' ħaddieħor, iżda f'każijiet oħra ta' *immissio in alienum* b'mezzi li, għalkemm ma jidhrux jew ma jintmissux, xorta jinħassu. Ħsejjes, sħana, trabijiet u dħaħen ukoll jistgħu, jekk ma jkunux "fil-qies li jmiss", jitqiesu bħala invażjonijiet illeċiti tal-proprjetà ta' ħaddieħor u għalhekk il-ħsara li jagħmlu tkun *damnum iniuria datum*.

"Fejn insibuh dan "il-qies li jmiss"?

"Naturalment, il-ħsejjes u s-sħana mhux dejjem jistgħu jinżammu fil-konfini tal-proprjetà mnejn jinħolqu, u jekk ngħidu li sid ma jista' jagħmel ebda forma ta' *immissio in alienum* inkunu qegħdin innaqqsu wisq id-drittijiet tas-sid li jinqeda bi ħwejġu biex jieħu minnhom l-akbar utilità. Għalkemm is-sid għandu d-dmir li jnaqqas kemm jista' l-inkonvenjent lill-ġirien, dawn, min-naħa tagħhom, bħala parti mid-dmir tal-*buon vicinato*, għandhom jittollerew dawn l-immissjonijiet fl-interess ta' sfruttament aħjar tal-proprjetà sakemm dawn l-immissjonijiet ikunu fil-limitu ta' dak li hu raġonevolment tollerabbli.

"L-obbligazzjonijiet tal-*buon vicinato* għalhekk essenzjalment huma li, waqt li s-sid għandu l-ewwelnett inaqqas kemm jista' l-inkonvenjent li joħloq lill-ġirien l-użu tal-proprjetà tiegħu, il-ġirien għandhom id-dmir li jittolleraw dak ir-residwu ta' inkonvenjent inevitabbli sakemm dan ikun normalment tollerabbli f'dik iż-żona partikolari.
"Din il-Qorti, f'sentenza mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1896 fil-kawża fl-ismijiet **Bugeja et v. Washington et** kienet fissret il-prinċipji u d-dmirijiet tal-*buon vicinato*:

""... ... ... non altrimenti che conciliando il principio dell'inviolabilità della proprietà col riguardo dovuto alla libertà ed allo sviluppo dell'industria si può giungere alla retta soluzione della quistione involuta nel giudizio; poichè, come una sconfinata estensione del diritto di proprietà potrebbe ridurre in limiti angusti e paralizzare la industria, così un mal inteso favore verso questa ultima avrebbe talora l'effetto di restringere indebitamente i diritti del proprietario;

... ... ... la legge riconosce nel proprietario il diritto di usare liberamente del suo fondo, e di farvi le modificazioni che credesse convenienti, quand'anche privasse il vicino di qualche vantaggio, purché non gli rechi una grave molestia. *In suo enim alii hactenus facere licet quatenus nihil in alium immittat* L. 8, § 5, D *Si servitus vindicetur*. ... ... ...

... ... ... quando la molestia prodotta dall'esercizio di uno stabilimento industriale non sia grave, non ecceda cioè

quel limite di tolleranza che, dice il Consigliere Giorgi (*Obbligazioni* V, nº 424), costituisce la vera misura degli obblighi del buon vicinato, essa dev'essere sofferta dal vicino il quale non ha diritto di farla cessare o di chiedere un indennizzo a causa del pregiudizio cagionatogli; ma se l'incommodo recato non è facilmente tollerabile diventa ingiusto, e può il vicino esigere la cessazione;

"... ... ... per riconoscere se la molestia prodotta dal rumore, dal tremolio o dal fumo sia grave o no si deve avere riguardo non solo alla sua natura, ma ancora alla posizione e destinazione dei luoghi, se questi, *esempli gratia*, siano situati in città od in campagna, se nel centro o nei confini della città, e se vi si esercitino di consueto industrie simili a quelle di cui si lagnano gli attori, e devesi tenere anche, fino ad un certo punto, conto della pre-occupazione, cioè dell'anteriorità del possesso (Demolombe e Giorgi *loc. cit.*)."

"Il-qrati komplew jimxu fuq dawn il-prinċipji f'sentenzi li ngħataw wara[1]. F'sentenza li ngħatat fis-27 ta' Ġunju 1995 fil-kawża fl-ismijiet **Pio Bezzina versus Giacomo Galea**, il-Qorti ta' l-Appell kompliet tgħid hekk:

""Skond id-dottrina, għalkemm huwa paċifiku li l-proprjetarju għandu d-dritt assolut li jgawdi u li jiddisponi kif irid mill-ħaġa tiegħu, iżda dan id-dritt għandu jitqies limitat fis-sens li fl-ezerċizzju tiegħu ma għandux jiġi preġudikat id-dritt ta' ħaddieħor. Għalhekk kulħadd jista' jagħmel li jrid bil-ħaġa tiegħu sakemm ma jilledix id-dritt ta' ħaddieħor. Infatti, huwa prinċipju ġenerali li jolqot l-atti

---

1 Ara *e.g.* **Vincenzo Meli** ***versus*** **Giuseppe Calleja**, Qorti ta' l-Appell, Sede Ċivili, 5 ta' Frar 1908, Vol. XX-I.114; **Calcedonio Ciantar** ***versus*** **Salvatore Ciantar**, Qorti tal-Kummerċ, 31 ta' Marzu 1938, Vol. XXX-III-365; **Giacomo Muscat** ***versus*** **Giuseppe Falzon**, Qorti ta' l-Appell, Sede Ċivili, 27 ta' {unju 1952, Vol. XXXVI-I-233; **Pio Bezzina** ***versus*** **Giacomo Galea**, Qorti ta' l-Appell, Sede Ċivili, 27 ta' Ġunju 1955, Vol. XXXIX-I-413; **Pio Briffa** ***et versus*** **Joseph Aquilina** ***nomine***, Qorti ta' l-Appell, Sede Kummerċjali, 15 ta' April 1966; **Ronnie Scicluna** ***versus*** **Anthony Guillaumier** ***nomine***, Qorti tal-Kummerċ, 19 ta' Ottubru 1970; **John Testa** ***versus*** **Anthony Bruno** ***et nomine***, Qorti ta' l-Appell, Sede Kummerċjali, 30 ta' Mejju 1988, Vol. LXXII-II-560; **Emanuel Abela** ***versus*** **Sebastian Zammit**, Qorti ta' l-Appell, Sede Ċivili, 7 ta' Ottubru 1996; **Charles Grima** ***nomine versus*** **John Caruana**, Qorti ta' l-Appell, 6 t'Ottubru 1999..

kollha tal-bniedem, u li għandu jkun għalih il-gwida kostanti fl-azzjonijiet tiegħu kollha, illi ħadd ma jista' bil-fatt tiegħu jagħmel ħsara lil ħaddieħor, u għalhekk kulħadd jista' jiddisponi liberament mill-ħaġa tiegħu sakemm b'dak il-fatt ma joffendix id-dritt ta' ħaddieħor, billi "*ove comincia l'altrui offesa, ivi si arresta il potere assoluto sulla propria cosa*". (Cassazione, Napoli 9 marzo 1894, *Giurisprudenza Italiana*, XLVI, I, I, 1036)."

"Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ma jista' jkun hemm ebda dubju illi l-atturi setgħu jfittxu r-rimedju li qegħdin jitolbu, u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, illi tgħid illi t-talba ta' l-atturi hija "ġuridikament insostenibbli", mhux biss hija ħażina iżda toqrob ħafna lejn il-frivolu u l-vessatorju.

"Fadal għalhekk li naraw jekk l-inkonvenjent li qegħdin ibatu l-atturi minħabba l-ħsejjes u s-sħana ġejjin mill-apparat ta' klimatizzazzjoni tal-konvenut jaqbżux il-limiti tat-tollerabbiltà. Il-kwistjoni ta' x'inhuwa u x'mhuwiex tollerabbli hija, fl-aħħar mill-aħħar, kwistjoni ta' fatt. Il-perit tekniku maħtur fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni miksub mill-atturi kontra l-konvenut sab illi kemm is-sħana kif ukoll il-ħsejjes jaqbżu l-limiti ta' dak li hu tollerabbli. Għall-istess konklużjoni wasal il-perit tekniku maħtur fl-atti ta' din il-kawża. Il-Qorti wkoll, waqt aċċess li sar fuq il-post, setgħet tara illi l-inkonvenjent maħluq bit-tħaddim ta' l-apparat ta' klimatizzazzjoni tassew jaqbeż il-limitu ta' dak li hu tollerabbli. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, it-talba ta' l-atturi illi jingħataw rimedju hija ġustifikata u jixraq illi tintlaqa'.

"Naturalment, ir-rimedju għandu jkun proporzjonat ma' l-inkonvenjent u għandu, safejn hu possibbli, iħares ukoll il-jedd tal-konvenut illi jinqeda bi ħwejġu. Billi l-kmamar fl-appartament ta' l-atturi li jintlaqtu b'dan l-inkonvenjent huma kmamar tas-sodda, u x'aktarx għalhekk illi ma jintużawx fis-sigħat a' filgħodu, ir-rimedju huwa meħtieġ l-aktar għas-sigħat tal-mistrieħ. Effettivament, dawn huma s-sigħat tas-*siesta* ta' wara nofsinhar, għax matul il-lejl l-apparat ta' klimatizzazzjoni ma jitħaddimx billi l-bank ikun magħluq."

**L-appell ta' l-atturi.**

L-atturi hassew ruhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-8 ta' Novembru, 2006, talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talbiet attrici u ordnat li l-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta, tirriforma l-kumplament billi tordna lill-konvenut ma jhaddimx l-*air conditioning units* jew sussidjarjament taghti kull provvediment necessarju u opportun. Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-Bank konvenut.

Il-Bank konvenut ressaq risposta ghall-appell interpost mill-atturi fejn filwaqt li stqarr li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma talab, ukoll ghar-ragunijiet minnu esposti fl-imsemmija risposta, li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-atturi appellanti.

**L-aggravji mressqa mill-atturi.**

L-atturi ressqu diversi aggravji kontra s-sentenza hawn fuq riportata liema aggravji bazikament jikkoncernaw il-fatt li ghalkemm l-ewwel Qorti kkonkludiet a favur it-tezi attrici, xorta wahda ippermettiet lill-Bank konvenut jaghmel uzu mill-*air conditioners.* Infatti l-atturi jilmentaw mil-fatt li:-

a) il-bank konvenut inghata d-dritt li juza l-*airconditioners* sas-2.00 *p.m.* u ma jinghad xejn fis-sentenza meta dan l-uzu setgha jibda jew kemm *units* setghu jintuzaw, jew jekk dan l-uzu kienx jeskludi l-gurnata tas-Sibt;

b) li s-sentenza hija sproporzjonata kontra l-atturi billi dawn huma prekluzi milli juzaw certa ambjenti tar-residenza taghhom fil-hinijiet li jinxteghlu l-*airconditioners*;

c) li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li l-valur tal-proprjeta` tal-atturi naqas minhabba dan l-inkonvenjent;

**Ikkunsidrat:**

Mil-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta li meta gie registrat l-ilment tal-atturi l-bank konvenut kien jaghmel uzu minn ghaxar *units* fil-bitha in kwistjoni u li dawn kienu jintuzaw matul is-sena kollha billi fis-sajf, u cioe` bejn il-15 ta’ Gunju u l-1 ta’ Ottubru, il-bank kien jiftah mit-Tnejn sal-Hamis bejn is-7.30 a.m. u s-2.30 p.m. u nhar il-Gimgha bejn is-7.30 a.m. u l-4.00 ta’ wara nofsinhar, mentri fix-xitwa mis-7.45 a.m sal-istess hin ta’ wara nofsinhar ta’ l-istess granet. Inoltre skond ix-xhud Edward Pirotta, persuna ‘*in charge*’ mill-‘*premises*’ tal-bank konvenut, fix-xhur tas-sajf il-bank ma kienx jiftah nhar ta’ Sibt mentri fix-xhur tax-Xitwa kien jiftah bejn is-7.45 a.m. u l-12.45 p.m. Naturalment dawn il-*units* ma kienux jintuzaw fil-hinijiet li l-bank jkun maghluq.

Jirrizulta wkoll li n-numru tal-*airconditioning units* gie ridott konsiderevolment fil-mori tal-kawza billi parti mill-apparat gie mnehhi mill-bitha u mqieghed band ohra fejn ma jikkontribwixxix ghall-istorbju u shana fil-bitha in kwistjoni. Dwar il-gurnata tas-Sibt inghad minn ufficjali tal-bank konvenut li ghalkemm kienet *policy* tal-bank li l-bank ma jiftahx f’dik il-gurnata, ma hux eskluz li fil-futur din il-*policy* tinbidel.

L-atturi qed jilmentaw li tenut kont tac-cirkostanzi hawn fuq imsemmija, is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti ma tipprovdix rimedju adegwat fl-interess taghhom u dana billi ma jinghadx kemm ghandhom jkunu l-*airconditioning units* li jistghu jintuzaw fil-bitha, u cioe` jekk huwiex in-numru li kien hemm meta bdiet il-kawza jew inkella in-numru ridott meta l-istess kawza giet determinata in prim istanza. Inoltre ma jinghad xejn dwar il-gurnata tas-Sibt u l-kapacita` tal-*units* li jistghu jigu nstallati fil-bitha.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tad-drittijiet u obbligi reciproci ta’ sidien ta’ proprjetajiet adjacenti fil-kuntest tad-dritt ta’ sid li juza l-proprjeta` tieghu bl-aktar mod assolut izda dejjem b’rispett lejn il-gâr li ghandu ukoll dritt li jgawdi l-proprjeta` tieghu

minghajr molestja eccessiva rizultanti minn dan l-uzu. L-ewwel Qorti ghalhekk sabet rimedju billi llimitat l-uzu ghal certu hinijiet b'mod li s-sieghat tas-*siesta* ta' wara nofsinhar ma jigux disturbati.

Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti u dana billi l-gâr, fil-kaz odjern, l-atturi, huwa mistenni li jittollera certu inkonvenjent gej minn proprjeta` adjacenti b'rispett lejn id-dritt assolut ta' sid il-bitha li jaghmel uzu minnha fl-ahhjar interess tal-impjegati li jkunu qeghdin jahdmu hemm u fl-interess tal-klienti. Din il-Qorti pero` hija tal-fehma li dak li ddecidiet l-ewwel Qorti ghandu jigi rivedut billi l-uzu tal-apparat ta' klimatizzazzjoni jigi ben cirkoskritt mhux biss bis-sieghat kif stabbiliet l-ewwel Qorti izda wkoll bin-numru u tip ta' apparat li jista' jintuza, u l-granet meta jintuza. Ghalhekk qeghda tirriforma s-sentenza appellata billi tillimita l-uzu ta' apparat ghal dak li kien jithaddem <u>dak inhar tas-sentenza</u> kif ukoll tal-istess qawwa, u dana wkoll billi jidher li l-istess bank konvenut, b'rispett lejn il-principju ta' *buon vicinato*, irnexxielu, fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, isib post alternattiv fejn jinstalla numru ta' *airconditioners* li qabel, u cioe` meta gew istitwiti dawn il-proceduri, kienu jinsabu fil-bitha in kwistjoni. Din il-Qorti izda ma thosx li ghandha tindahal fil-kwistjoni ta' jekk il-bank konvenut jiftahx nhar ta' Sibt b'dana pero` li fil-kaz li tittiehed decizjoni simili l-uzu tal-apparat ta' klimatizzazzjoni jkun dejjem limitat ghan-numru ezistenti fid-data tas-sentenza u tal-istess qawwa.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tat-tieni lment mressaq mill-atturi u cioe` li bl-uzu ta' dan l-apparat, huma prekluzi milli juzaw xi ambjenti tar-residenza taghhom din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gja` intqal hawn fuq fil-kuntest tad-dritt tas-sid il-proprjeta` li jghamel uzu assolut mill-fond tieghu bl-aspettativa li l-gâr jittollera certa ammont ta' inkonvenjent, izda izzid tghid li jirrizulta li meta l-atturi xtraw l-appartament taghhom dawn kienu jew kellhom ikunu konxji ta' dan l-inkonvenjent billi l-apparat ta' klimatizzazzjoni kien gja` jinsab fil-bitha in kwistjoni meta

sar l-akkwist u konsegwentement wiehed ragionevolment jassumi li dawn accettaw *ab initio* c-certezza li l-appartament taghhom kien ser ikollu mhux biss hsejjes izda shana bhala rizultat ta’ dawn l-*units*.

**Ikkunsidrat:**

L-atturi qed jilmentaw ukoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ma apprezzatx il-fatt li l-appartament taghhom qed isofri tnaqqis fil-prezz minhabba dan l-inkonvenjent. Dwar dan jigi osservat, kif gja` inghad hawn fuq, li l-atturi xtraw xi zmien wara li kien fetah il-bank li jinsab fil-pjan terren u meta l-apparat ta’ klimatizzazzjoni kien gja` jinsab installat. Ghalhekk illum ma jistghux jilmentaw dwar deprezzament fil-valur tal-proprjeta` taghhom billi l-istess valur kien gja` jew kellu gja` jigi milqut fid-data tal-akkwist. Inoltre din il-Qorti tosserva li ghalkemm fil-premessi tac-citazzjoni dan il-fattur tal-valur jissemma, ma hemm xejn fir-rigward fit-talbiet tac-citazzjoni. L-ewwel Qorti ghalhekk kienet pienament korretta li ma tikkunsidrax dan l-aspett tal-vertenza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-atturi qed jigi milqugh in parte billi s-sentenza ser tigi riformata u dana billi din il-Qorti tordna li l-uzu tal-apparat ta’ klimatizzazzjoni li jinsab fil-bitha tal-bank konvenut ghandu jigi limitat ghal dak in-numru ta’ apparat li kien jinsab u funzjonanti fl-istess bitha fid-data tas-sentenza appellata, liema apparat ghandu jibqa’ tal-istess qawwa kif kien fid-data tas-sentenza. Ghal bqija tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom, fic-cirkostanzi, jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------